MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tad-19 ta' Jannar, 2011

Numru 745/2005

**Il-Pulizija**
**(Spettur Mario Tonna)**

**vs**

**CHARMAINE VELLA**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni li permezz taghha Charmaine Vella ta' 33 sena imwielda l-Awstralia nhar it-18 ta' Novembru 1971 bin il-mejjet Carmelo u Lorraine nee' Lymbery residenti 'Mystique'Ghajn Tuffieha Road Golden Bay detentur ta' Karta tal-identita Nru. 525290M,

Billi giet akkuzata talli matul ix-xhur ta' Dicembru 2004 u it-8 ta' Lulju 2005 f'diversi bnadi fil-gzejjer Maltin xjentement laqghet ghandha, xtrat hwejjeg misruqa,

mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, jew indahlet sabiex tbieghhom jew tmexxihom diversi oggetti u cioe, apparat ta'mobile phones u dan ai terminu tal-artikolu 334 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali esebit bhala Dok. MT3 u nnutat li l-imputata Charmaine Vella m'ghandhiex oggezzjoni li l-kaz taghha jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat ukoll li l-imputata, fl-ezami taghha, wiegbet li hi hatja tal-akkuza migjuba kontra taghha.

Il-Qorti wissiet lill-imputata bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni taghha u taghtha ftit taz-zmien sabiex tiddeciedi jekk tikkonfermax l-ammissjoni taghha jew le, u wara li giet mistoqsija jekk tikkonfermax l-ammissjoni taghha jew le, l-imputata wiegbet li hi hatja tal-akkuza migjuba kontra taghha.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li l-imputata ikkoperat mal-Pulizija u illi l-oggett tar-ricettazzjoni kien *mobile phone* li kien jiswa' madwar Lm160 li kien gej minn serq u li gie ritornat lil sidu.

Rat l-artikolu 334(a) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issib lill-imputata Charmaine Vella, fuq ammissjoni, hatja tal-akkuza migjuba kontra taghha u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluzi li l-imputata ammettiet fi stadju bikri tal-kawza u dak dikjarat mill-Ufficjal Prosekutur fil-Verbal tas-Seduta tallum kif riportat aktar qabel f'din is-Sentenza u wara li rat l-artikoli 28A u 28B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tikkundanna lill-imputata Charmaine Vella ghall-piena ta' sena prigunerija u tordna li din is-Sentenza in kwantu ghall-piena ta' prigunerija m'ghandhiex tibda ssehh hlief jekk matul il-perjodu ta' sentejn (2) millum l-imputata Charmaine Vella tikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija.

Il-Qorti qed taghti lill-imputata Charmaine Vella l-ispjegazzjoni preskritta fl-artikolu 28A(4) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------